MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 967/1994/1

**Grazia mart John Gomez Blanco u l-istess John Gomez Blanco bhala ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom**

**vs**

**Eugenio sive Genio Tanti**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew :-

Illi fit-23 ta' Frar, 1993, miet Gio Mary sive Gamri Tanti u ddispona mill-wirt tieghu fl-ahhar testment tieghu fl-atti tan-nutar Dottor Antoine Agius ta' l-4 ta' Frar, 1989, b'liema testment innomina bhala eredi uniku tieghu lil Eugenio sive Genio Tanti, bin hu t-testatur Paolo Tanti, hawn konvenut;

Illi skond dan l-istess l-ahhar testment tieghu huwa halla b'legat lill-attrici li tigi bint huh Paul is-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000); u

Illi ghalkemm l-attrici f'diversi okkazjonijiet talbet lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' tliet elef liri Maltin lilha mholli b'legat mill-fuq imsemmi decuius, pero' l-istess konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet elef liri Maltin (Lm3000), flimkien ma' l-imghax civili li ddekorrew mit-23 ta' Frar, 1993, dovuta skond il-legat hawn fuq imsemmi;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri legali tas-16 ta' Novembru, 1993, u ta' l-10 ta' Gunju, 1994, kif ukoll dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 2866/93, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota' ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li fl-assi ereditarji tal-mejjet Gio Mary sive Gamri Tanti m'hemmx fondi jew mezzi ohra sabiex jigi sodisfatt il-legat pretiz mill-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur u x-xhieda prodotti mill-atturi, kif ukoll lill-konvenut;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi;

Rat in-nota responsiva tal-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2000;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li z-ziju tal-attrici Gio Mary sive Gamri Tanti miet fit-23 ta' Frar, 1993. Huwa ddispona mill-wirt tieghu b'testment fl-atti tan-nutar Dottor Antoine Agius ta' l-4 ta' Frar, 1989. Permezz ta' dana t-testment id-decujus innomina lill-konvenut, li jigi hu l-attrici, bhala eredi uniku tieghu u halla b'legat lill-attrici s-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000). Il-konvenut, nonostante interpellat diversi drabi, naqas li jhallas l-imsemmi legat u ghalhekk saret din il-kawza fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kundannat ihallashom l-imsemmija somma u l-imghaxxijiet relattivi;

Il-konvenut, da parti tieghu, qed jeccepixxi li fl-assi ereditarji tal-mejjet Gio Mary sive Gamri Tanti m'hemmx fondi jew mezzi ohra sabiex jigi sodisfatt il-legat pretiz mill-atturi;

Jirrizulta li l-konvenut accetta l-wirt in kwestjoni bil-beneficcju tal-inventarju (fol.15) u jirrizulta ukoll li permezz ta' nota presentata fir-Registru tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, liema nota ghamlet tajjeb minnfolk l-inventarju, l-istess konvenut iddikjara ghar-rigward tal-assi tad-decujus Tanti li l-attiv kien jikkonsisti biss f'hames mitt liri maltin (Lm500) fi flus kontanti filwaqt li l-passiv kien ta' mija u sebghin liri maltin (Lm170) rappresentanti l-ispejjez tal-funeral. Il-konvenut ghalhekk idikjara li l-bilanc attiv kien jammonta ghall-tlett mija u tletin liri maltin (Lm330);

Ma jirrizultax sufficjentement li d-decujus kellu aktar attiv fil-hin tal-mewt tieghu, cioe' aktar attiv minn dak li gie dikjarat fl-imsemmija nota. Ma jirrizultax li kellu xi flus depositati fil-banek lokalment jew li kellu xi investimenti barra minn Malta. Gew prodotti kopji tar-"returns" li allegatament gew sottomessi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni mid-decujus. Dawn huma biss kopji. Inoltre dawn ir-"returns" jirrisalu ghal aktar minn tlett (3) snin qabel ma

miet id-decujus u f'dan l-intervall ta' zmien setghu graw hafna affarijiet;

Ai termini tal-artikolu 836 tal-Kodici Civili l-hwejjeg tal-mejjet jghaddu ghand il-werriet bl-obbligu fuq il-werriet li huwa jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt inkluz ovvjament il-legati. Il-legatarju, ghalhekk, hu meqjus bhala kreditur tal-eredita'. Kif gia gie rilevat il-konvenut, li huwa l-uniku eredi tal-mejjet Gamri Tanti, accetta dan il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju. Dan ifisser li l-konvenut mhux obbligat li jhallas djun tal-wirt "f'izjed minn kemm ikunu jiswew il-hwejjeg li jkunu missuh" u zgur li mhux obbligat li jhallas tali djun bi hwejjeg tieghu stess u dana kollu ai termini tal-artikolu 890 tal-Kodici Civili. Fi kliem iehor il-konvenut mhux obbligat li jhallas djun tal-eredita' li jkun jeccedi l-bilanc attiv tal-wirt in kwestjoni;

Fid-dawl ta' dan kollu peress li l-wirt in kwestjoni kellu bilanc attiv ta' tlett mija u tletin liri maltin (Lm330) dawn ghandhom jithallsu lill-attrici bhala parti mill-legat imholli lilha. Il-hlas tal-legat ghalhekk jista jigi sodisfatt biss in parte. Zgur li l-konvenut ma jistax jigi obbligat ihallas aktar minn dan l-ammont;

Il-konvenut ghalhekk ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' tlett mija u tletin liri maltin (Lm330). F'dan ir-rigward ghandu jigi puntwallizzat li ma jirrizultax li hemm xi pretensjonijiet ohra kontra l-wirt in kwestjoni;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tletin liri maltin (Lm330) bhala hlas in parte tal-legat in kwestjoni mholli lill-attrici u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------